*Konvenuta:* LF

**Domanda preliminari**

B'digriet tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) ddikjarat it-talba għal deċiżjoni preliminari bħala manifestament inammissibbli u ddikjarat ruħha manifestament mingħajr ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar tali talba.

---

**Appell ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2019 minn Xianhao Pan mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) fil-21 ta' Marzu 2019 fil-Kawża T-777/17 – Pan vs EUIPO - Entertainment One UK (TOBBIA)**

**(Kawża C-412/19 P)**

(2019/C 383/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Xianhao Pan (rappreżentant: M. Oliva, avvocato)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, Entertainment One UK Ltd

B'digriet tat-12 ta' Lulju 2019 tal-Viċi President il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-appell huwa miċħud bħala inammissibbli.

---

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2019 minn Stada Arzneimittel AG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fl-4 ta' April 2019 fil-Kawża T-804/17 – Stada Arzneimittel AG vs L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-460/19 P)**

(2019/C 383/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Stada Arzneimittel AG (rappreżentanti: A. K. Marx, R. Kaase, J.-C. Plate, Rechtsanwälte)

*Parti oħra fil-proċedura:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-Awla għall-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet, b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2019, li l-appell ma għandux jiġi ammess u li l-appellanti għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minnha.

---